A.L. 183 ta' l-2000

ATT DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITÀ (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI) (KAP. 225)

Ordni ta' l-2000 dwar Injam mhux Maħdum

(Ordni Nru. 44 ta' l-2000)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali), l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* għamlet dan l-Ordni li ġej:-

1.1 It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2000 dwar Injam mhux Maħdum, u jista' jissejjaħ Ordni Numru 44 ta' l-2000. Titolu u bidu fis-seħħ.

1.2 Dan l-Ordni Mandatorju għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2001.

2.1 Dan l-Ordni Mandatorju għandu japplika għal injam mhux maħdum mibjugħ bħala injam mhux maħdum "klassifikat mill-EEC". Applikabilità.

3.1 Għall-finijiet ta' dan l-Ordni Mandatorju, sakemm ir-rabta tal-kliem ma titobx xort'oħra, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin: Tifsiriet.

3.1.1 "injam mhux maħdum" tfisser injam maqtugħ, maqtugħ mir-ras u bla friegħi, kemm jekk tkun tqaxxritlu l-qoxra kemm jekk le, maqtugħ minn tulu jew mifruq.

4.1 Injam mhux maħdum ma jistax ikun deskritt bħala "klassifikat mill-EEC" meta jinħareġ fis-suq sakemm ma jkunx ġie kklassifikat u, fejn xieraq, immarkat kif mitlub fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni. Bejgħ ta' injam mhux maħdum "klassifikat mill-EEC".

4.2 Il-klassifikazzjoni elenkata fl-Iskeda tista' tingħata biss lil injam mhux maħdum li jkun ġie kklassifikat kif mitlub fl-Iskeda.

4.3 Is-sistema ta' klassifikazzjoni mogħtija f'dan l-Ordni m'hix obbligatorja u injam mhux maħdum li ma jkunx klassifikat jista' jinħareġ fis-suq.

B 1560

SKEDA

1. Tiqjis

1.1 Ġenerali

1.1.1 It-tiqjis isir jew bil-volum (metri kubi veri jew f'munzelli) jew bil-piż.

1.1.2 Fit-tiqjis għandha tintuża biss is-sistema metrika.

1.1.3 Strumenti tat-tiqjis għandhom ikunu spezzjonati uffiċjalment u miżmuma f'kondizzjoni tajba.

1.2 Injam tul sħiħ

1.2.1 Injam mhux maħdum li l-volum tiegħu ġeneralment jingħata f'metri kubi veri għandu jissejjaħ injam tul sħiħ.

1.2.2 Injam tul sħiħ għandu ġeneralment jitkejjel f'unitajiet individwali. Injam tul sħiħ ta' forma irregolari għandu jitkejjel sezzjoni sezzjoni.

1.2.3 Il-volum ta' *unit* individwali għandu jkun stabbilit skond it-tul u d-dijametru mkejjel fuq jew taħt il-qoxra. Il-volum ikun ikkalkulat mill-inqas sa l-eqreb żewġ punti deċimali, u jintużaw il-formuli ta' kalkolu tal-kubu tas-soltu.

1.2.4 Il-qisien tad-dijametru għandhom jitnizzlu sa l-eqreb ċentimetru. Meta d-dijametru jitkejjel fuq il-qoxra, għandu jsir tnaqqis raġonevoli. Dak it-tnaqqis għandu jigi dikjarat.

1.2.5 Fil-każ ta' qisien sa, u li jinkludu, 19-il ċentimetru (ċm), id-dijametru taħt il-qoxra għandu jitkejjel f'operazzjoni waħda bl-użu ta' kaliper ta' l-imsaġar fuq iz-zokk tas-siġra maqtugħa (dijametru orizzontali). Fil-każ ta' qisien ta' aktar minn 20 ċm taħt il-qoxra, madankollu, d-dijametru jigi stabbilit b'żewġ tiqjisiet li jaqsmu 'l xulxin b'mod perpendikulari (safejn hu possibbli, fl-idjaq dijametru u fl-usa' dijametru). Jekk il-parti li tkun se titkejjel tkun tinsab fuq ċirku frieghi dawramejt jew f'xi parti irregolari oħra taz-zokk, id-dijametru jitqies billi tittieħed il-medja tal-qisien miksuba fuq kull naħa u f'distanza ndaqs mill-post li ghandu jitkejjel.

1.2.6 Qisien għat-tul għandhom jitnizzlu sa l-eqreb deċimetru. Fil-każ ta' injam tul sħiħ b'dijametru tan-nofs ta' 20 ċm jew inqas taħt il-qoxra, it-tul jista' jitnizzel sa l-eqreb metru. Jekk ikun hemm xifer imżerżaq minħabba l-qtugħ, it-tul għandu jitkejjel min-nofs ta' dak ix-xifer.

1.3 Injam f'metri kubi f'munzelli

1.3.1 Injam mhux maħdum li l-voulm tiegħu normalment jingħata f'metri kubi f'munzelli għandu jissejjaħ injam f'metri kubi f'munzelli.

1.3.2 Injam f'metri kubi f'munzelli għandu jitkejjel zejjed b'mill-inqas 3% fl-għoli tiegħu.

2. Klassifikazzjoni

2.1 Ġenerali

2.1.1 Injam mhux maħdum jista' jkun ikklassifikat:
(a) skond l-ispeċji u l-isem komuni,
(b) skond id-dimensjoni,
(ċ) skond il-kwalità.

2.2 Klassifikazzjoni skond id-dimensjoni

2.2.1 Għat-tiqjis tad-dijametru u t-tul għall-iskop ta' klassifikazzjoni, għandhom japplikaw il-partiti 1.2.4, 1.2.5 and 1.2.6.

2.2.2 Klassifikazzjoni skond id-dimensjoni għandha ssir, irrispettivament mit-tul, skond id-dijametru tan-nofs taħt il-qoxra bl-użu tal-klassifikazzjonijiet li ġejjin:

Klassi	*Dijametru*
L 0	mhux aktar minn 10 ċm
L 1a	10 sa 14 ċm
L 1b	15 sa 19 ċm
L 2a	20 sa 24 ċm
L 2b	25 sa 29 ċm
L 3a	30 sa 34 ċm
L 3b	35 sa 39 ċm
L 4	40 sa 49 ċm
L 5	50 sa 59 ċm
L 6	60 ċm jew aktar

2.2.3 Jistgħu jkunu ffurmati klassijiet oħra 'l fuq minn klassi 6, iżda għandha tinżamm l-istess gradazzjoni. Jista' ma jingħatax kaz ta' suddiviżjoni f'sottoklassijiet a u b, jew din tista' tkun estiża għall-klassijiet kollha.

2.2.4 Injam tul sħiħ jista' jkun ukoll klassifikat bit-tul minimu u bid-dijametru minimu tal-quċċata taħt il-qoxra korrispondenti għal dak it-tul meta jintużaw dawn il-klassifikazzjonijiet li ġejjin:

Klassi	*Tul minimu*	*Dijametru minimu tal-quċċata*
H 1	8 m	10 ċm
H 2	10 m	12 ċm
H 3	14 m	14 ċm
H 4	16 m	17 ċm
H 5	18 m	22 ċm
H 6	18 m	30 ċm

B' deroga mill-provvedimenti tal-partita 1.2.3, id-dijametru tal-quċċata għandu jitkejjel darba biss.

2.2.5 Ċerti gruppi magħmulin minn tipi differenti ta' injam tul sħiħ (arbli, pali dritti, eċċ.) għandhom ikunu mqassmin fi klassijiet skond id-dijametru fuq il-qoxra, ċentimetru mit-tarf kwadru li jmiss ma' tarf ieħor skond il-klassifikazzjonijiet li ġejjin:

Klassi	*Dijametru*
P 1	mhux aktar minn 6 ċm
P 2	7 sa 13 ċm
P 3	14 ċm jew iżjed

2.2.6 Injam f'metri kubi f'munzelli għandhom jitqassmu fi klassijiet skond id-dijametru tal-quċċata minn fuq il-qoxra billi jintuzaw dawn il-klassifikazzjonijiet li ġejjin:

Class	
S 1	zkuk tondi b'dijametru ta' bejn 3 u 6 ċm
S 2	zkuk tondi b'dijametru ta' bejn 7 u 13 ċm
S 3	zkuk tondi b'dijametru ta' 14 ċm jew aktar u kwarti (zkuk kbar u kwarti)

Meta injam f'metri kubi f'munzelli jitqaxxarlu l-qoxra, id-dijametri mogħtija hawn fuq għandhom jitnaqqsu b'ċentimetru.

2.3 Klassifikazzjoni skond il-kwalità

2.3.1 Fil-klassifikazzjoni ta' kwalità jitqiesu l-kriterji li ġejjin:

– Liwi: il-liwi għandu jitkejjel billi tkun diviża l-liwja kollha, mogħtija f'ċentimetri sa l-eqreb ċentimetru, bid-distanza li tifred iż-żewġt itruf tal-liwja, mogħtija f'metri sa l-ewwel punt deċimali. Il-liwi għandu jingħata f'ċentimetri kull metru.

– Vina mgħawwġa: l-estensjoni ta' dan id-difett għandha titkejjel billi tkun stabbilita d-distanza, mogħtija f'ċentimetri sa l-eqreb ċentimetru kull metru tul, bejn id-direzzjoni tal-fibri u linja ġeneratriċi parallela ma' l-assi ta' l-injam tul sħiħ. It-tagħwiġ għandu jingħata f'ċentimetri kull metru.

– Tarf ġej għal xejn xejn: tarf li jkun ġej għal xejn xejn għandu jitkejjel bid-diviżjoni tad-differenza bejn id-dijametri ta' l-injam tul sħiħ metru mit-truf, mkejjel f'ċentimetri u mniżżel sa l-eqreb ċentimetru, bid-distanza li tifridhom, mogħtija f'metri sa punt deċimali wieħed. Tarf ġej għal xejn xejn għandu jingħata f'ċentimetri għal kull metru sa punt deċimali wieħed.

– Ingroppi li jidhru, ingroppi fin-naħa tal-qalba (jew fix-xifer), ingroppi mħassrin (jew suwed). Id-dijametru ta' l-ingroppi għandu jitkejjel f'millimetri fl-iċken dimensjoni tagħhom.

– Ingroppi kbar ħafna, ingroppi mqabbżin.

– Qalb iebsa.

– Injam li jagħmel reazzjoni: injam ta' tensjoni (ta' l-aħmar) fil-każ ta' siġar b'weraq wesgħin, injam ta' kompressjoni (ta' l-abjad) jew injam irrigat aħmar fil-każ ta' koniferi.

– Kontorni irregolari.

– Tfellil taċ-ċrieki annulari, tfellil tal-qalb iebsa, tfellil ikkaġunat mill-qtugħ tas-siġar, qsim ikkaġunat mill-ġlata.

– Injam li jittieħed minn siġar li tħallew jinxfu bil-ġidra u difetti kaġunati mit-tnixxif, spezzjonijiet.

– Telf tal-lewn.

– Difetti oħra kkaġunati minn organiżmi li jagħmlu l-ħsara.

2.3.2 Meta l-klassifikazzjoni ssir skond il-kwalità, l-injam mhux maħdum għandu jitqassam fi klassijiet ta' kwalità skond il-klassifikazzjonijiet li ġejjin:

Klassi A/EEC: Injam b'saħħtu, li għandu kwalitajiet speċifiċi superjuri, ħieles minn difetti jew li fih difetti tant żgħar li ma jillimitawx l-użu tiegħu.

Klassi B/EEC: Injam ta' kwalità *standard*, inkluż injam minn siġar li tħallew jinxfu bil-ġidra, li fih wieħed jew aktar mid-difetti li ġejjin: tagħwiġ żgħir u vina mgħawwġa, ġej xi ftit għal xejn xejn, bla ingroppi kbar, xi ftit ingroppi żgħar jew ta' daqs medju, numru żgħir ta' ingroppi mħassrin ta' qjies ridott, qalb xi ftit iebsa, xi irregolaritajiet fil-kontorn jew difetti iżolati oħra li tagħmel tajjeb għalihom kwalità tajba ġenerali.

Klassi C/EEC: Injam li, kagun tad-difetti li fih, la jista' jkun ikklassifikat fi Klassi A/EEC u lanqas fi Klassi B/EEC, imma li madankollu hu ta' kwalità tali li jista' jintuża fl-industrija.

2.3.3 Injam tul sħiħ li huma fi klassijiet ta' kwalità A/EEC u C/EEC għandu jkollhom fuqhom marka ta' identifikazzjoni tal-klassi li ma titħassarx. Il-marka ta' identifikazzjoni tal-klassi m'hix meħtieġa fil-każ ta' injam tul sħiħ tal-klassi B/EEC.